MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 1044/2012

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Leisure 2000 Limited**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-17 ta' Ottubru 2012, il-bank ippremetta:-

*1. Illi l-Bank attur ipprovda diversi faċilitajiet bankarji lil-kumpanija Leisure Holdings Limited kif jirriżulta minn kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella tat-28 ta' Frar, 2002 (Dok* ***HSBC 1)****.*

*2. Illi bl-iskop li l-bank jingħata sigurtà ulterjuri għall-ammonti dovuti minn Leisure Holdings Limited, il-*

*konvenuta Leisure 2000 Limited ikkostitwiet ruħha garanti addizzjonali in solidum mal-istess Leisure Holdings Limited, sas-somma ta' Lm 15,631.23 (illum ekwivalenti għal € 36,410.97) b'kuntratt tas-7 ta' Diċembru, 2004 in atti Nutar Dr Bartolomeo Micallef (dok* ***HSBC 2)****.*

*3.* Illi għalkemm saru xi ħlasijiet mid-debitriċi prinċipali Leisure Holdings Limited, fadal bilanċ ta' ħdax-il elf sitt mija u erbgħa u disgħin Euro u ħdax-il ċenteżmu (€ 11,694.11) dovut lill-Bank attur fuq il-faċilità ta' self (Kont Numru 013-140611-300) mogħtija lill-imsemmija Leisure Holdings Limited, kif jirriżulta mill-istatement anness (Dok **HSBC 3)**.

*4.* Illi għalhekk Leisure 2000 Limited qua garanti solidali ta' Leisure Holdings Limited, hija debitriċi tal-Bank attur fis-somma msemmija ta' ħdax-il elf sitt mija u erbgħa u disgħin Euro u ħdax-il ċenteżmu (€ 11,694.11).

*5.* Illi nhar it-30 ta' Marzu, 2012 il-Bank attur bagħat lill-konvenuta ittra uffiċjali taħt l-Artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Dok **HSBC 4**) pero' t-talba ġiet ikkontestata mingħajr ma ngħatat ebda raġuni għajr dikjarazzjoni vaga u ġenerika illi l-intimata "m'għandha tagħti xejn u li mhix debitur fi kwalsiasi somma tal-Bank".

*6. Illi għalhekk qiegħda ssir din il-kawża.*

***GĦALDAQSTANT****, il-Bank attur umilment titob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) Tiddikjara illi l-konvenuta Leisure 2000 Limited, qua garanti solidali tal-kumpanija Leisure Holdings Limited, hija debitriċi tal-Bank attur fis-somma ta' ħdax-il elf sitt mija u erbgħa u disgħin Euro u ħdax-il ċenteżmu (€ 11,694.11);*

*(ii) Tikkundanna lill-konvenuta Leisure 2000 Limited sabiex tħallas lill-Bank attur is-somma msemmija ta' ħdax-il elf sitt mija u erbgħa u disgħin Euro u ħdax-il ċenteżmu (€ 11,694.11);*

*Bl-ispejjez ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji relattivi għal din it-talba, inkluż tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Marzu, 2012 kif ukoll bl-imgħaxijiet legali mis-16 ta' Diċembru, 2011 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi r-rappreżentanti tagħha huma minn issa nġunti għas-subizzjoni*.

Permezz ta’ nota prezentata waqt is-seduta tal-lum il-kumpannija konvenuta ammettiet it-talbiet.

Ghaldaqstant il-qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tal-HSBC Bank Malta plc u tikkundanna lil Leisure 2000 Limited sabiex ihallas lill-imsemmi bank is-somma ta’ hdax-il elf sitt mija u erbgha u disghajn ewro u hdax-il centezmu (€11,694.11) bl-imghax kif mitlub, u bl-ispejjez kontra l-kumpannija konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------